**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 15 ta' Marzu 2018**

**Pulizija**

**Spettur Joseph Mercieca**

**Spettur Kylie Borg**

**Vs**

**Simon Camilleri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Simon Camilleri, 48 sena, iben Emanuel u Rose nee' Borg, imwieled Pieta' nhar it-28 t'Awwissu, 1966 u li joqghod nru. 34, Triq San Frangisk, Bormla, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. 453166M;

Talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zmienijiet differenti w li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe' talli flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa:

1) Nhar is-7 ta' Gunju, 2015, ghall-habta tal-11:30am, fi Triq it-Tabib Nikol Zammit, Siggiewi, ikkommettew serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq persuna ta' Carmen Baldacchino, ta' 68 sena, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin euro u seba' w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment ta' l-istess Carmen Baldacchino u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' w/jew entitajiet ohra;

2) Nhar is-27 ta' Gunju, 2015, gall-habta ta' l-!0am, fi Triq Joe Sciberras, Hamrun, ikkommettew serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Maria Grech, ta' 77 sena, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin euro u seba' w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment ta' Maria Grech u/jew ta' xi persuna/i w/jew entita' u/jew entitajiet ohra;

3) Nhar is-27 ta' Gunju, 2015, gall-habta ta' l-!0am, fi Triq Guze Ellul, Pieta', ikkommettew serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Maria Dolores Micallef, ta' 75 sena, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin euro u seba' w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment ta' Maria Dolores Micallef u/jew ta' xi persuna/i w/jew entita' u/jew entitajiet ohra;

4) Talli f'dawn il-Gzejjer, bejn is-7 u t-28 ta' Gunju, 2015 saq vettura Daihatsu Charade, numru tar-registrazjoni, DAF 165, minghajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni w b'licenzja tal-vettura skaduta;

5) Talli f'dawn il-Gzejjer, bejn is-7 u s-27 ta' Gunju, 2015, naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti Istruttorja (Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D.), datat 22 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom, li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja;

6) Il-Qorti hija, gentilment, mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat addebitat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 22 ta' Lulju, 2013 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Simon Camilleri, kif ukoll, li tordna li s-somma ta' disa' mitt euro (€900) depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti u elfejn u mitt euro (€2100), bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) F'dawn il-Gzejjer, bejn is-7 u s-27 ta' Gunju, 2015, naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D.), datat 7 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom, li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja;

8) Il-Qorti hija, gentilment, mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat addebitat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 7 ta' Jannar, 2014 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Simon Camilleri, kif ukoll, li tordna li s-somma ta' tlett elef euro (€3000), bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9) Finalment, nakkuzawh ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fis-7 ta' Gunju, 2015, sar rapport lill-Pulizija tas-Siggiewi li kien sehh reat komunement maghruf bhala 'snatch and grab' fuq mara anzjana, fejn insterqet gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Carmen Baldacchino. Ftit gimghat wara, fis-27 ta' Gunju 2015, saru zewg serqiet ohra simili ghall-ewwel wahda, fil-lokalita' tal-Pieta' u tal-Hamrun, fejn ukoll insterqu gizirajjen minn fuq il-persuni ta' Maria Grech u Maria Dolores Micallef. F'din l-okkazjoni, minn fuq filmat tal-vicinanzi, intlemhet vettura bir-registrazzjoni numru DAF-105. Il-Pulizija ghamlet tfittxija ghal din il-vettura, li kienet registrata fuq l-imputat. Hu gie arrestat u interrogat fuq dawn it-tlitt serqiet, u nnega l-involviment tieghu f'dan kollu. Madankollu, il-Pulizija ressqitu b'arrest akkuzat b'involviment f'dawn it-tlitt serqiet u b'hekk inbdew dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti irrizulta li fid-dati u l-hinijiet indikati, fil-lokalitajiet imsemmija, sehhew tlitt serqiet maghrufa bhala 'snatch and grab' fuq il-persuni ta' nisa ta' aktar minn sittin sena eta', ghalhekk is-serq kien wiehed aggravat bil-vjolenza. Dawn gew ikkonfermati mill-vittmi stess, li xehdu viva voce quddiem din l-istess Qorti. Huma kkonfermaw li gew misruqa minn persuna mhux maghrufa li hataf il-gizirana li kienu liebsin, u din il-persuna harbet minn fuq il-post u rikbet f'vettura. Huwa importanti li hawnhekk il-Qorti taghmel distinzjoni bejn ir-reat li sehh fis-7 ta' Gunju, u t-tnejn li sehhew fis-27 ta' Gunju. F'dawn ta' l-ahhar, vittma

minnhom, Maria Dolores Micallef, gharfet in-numru tal-pjanci tal-vettura fejn rikbet din il-persuna, DAF-105. Din kitbet in-numru fuq karta u newlitha lill-Pulizija, u giet ukoll esebita fil-process. Il-Pulizija rat ukoll filmati ta' din l-istess vettura fil-vicinanzi ta' fejn sehhew dawn iz-zewg serqiet. Il-vettura kienet ta' lewn griz skur, tal-ghamla Daihatsu. Minn aktar stharrig irrizulta li dik il-vettura kienet registrata fuq isem l-imputat. Ghalhekk l-imputat kien gie arrestat u ttiehdu zewg stqarrijiet tieghu. Hu kien wiegeb li dakinhar hu stess kien b'dik il-vettura. Di fatti, ftit tal-hin qabel ma graw dawn iz-zewg serqiet, hu kien mar ic-centru tad-Detox il-Pieta' ghall-mistura tieghu.

Illi ghalhekk minn din il-prova, l-imputat kien bil-vettura tieghu fl-istess post fejn sehhew zewg serqiet separati u identici, f'intervall ta' hin qasir bejn l-ewwel wiehed u t-tieni. L-imputat ma ta ebda spjegazzjoni tal-prezenza tieghu hemm, izda semplicement innega li kien hu fil-vettura dak il-hin, jew irrifjuta li jwiegeb ghal uhud mill-mistoqsijiet li sarulu fl-istqarrija tieghu – bhal ma, del resto, kellu kull dritt jaghmel. Izda l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li dakinhar stess, jammetti li hu kien bil-vettura tieghu, u hemm provi cari tal-presenza ta' din l-istess vettura fil-vicinanzi ta' fejn sehhew dawn iz-zewg serqiet. Sahansitra vittma minnhom tghid li gharfet in-numru ta' registrazzjoni tal-istess vettura u kitbitha fuq karta biex ma tinsihiex. Dawn il-provi, ghalkemm huma biss indizzjarji u mhux diretti, huma univoci u ma jwasslu ghal ebda konkluzjoni ohra hlief li l-imputat kien il-ko-awtur mal-persuna li effettivament serqet il-gizirajjen in kwistjoni. Dan id-diskors qieghed jinghad biss ghaz-zewg reati li sehhew fis-27 ta' Gunju 2015, u cioe' dawk indikati fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, jigifieri r-reat li sehh fis-7 ta' Gunju 2015, ghalkemm wiehed jista' jargumenta li l-'modus operandi' tal-kommissjoni tar-reat huwa simili hafna, jekk mhux addirittura identiku, dan wahdu mhux bizzejjed biex jintrabat maz-zewg rati l-ohra li sehhew gimghatejn wara.

Tenut kont ta' dan, ghalhekk, il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat ghandu jinstab hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni. Li dan is-serq kien aggravat bil-vjolenza minhabba fl-eta' tal-vittmi huwa car u ovvju, u kull kumment ulterjuri huwa superfluwu. Ghar-rigward tal-valur tal-oggetti misruqa, il-Qorti hi tal-fehma li din ukoll giet ippruvata mid-derubati stess.

Kwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra kollha, dawn gew soddisfacentement ippruvati mill-Proeskuzzjoni, u ghalhekk il-Qorti ser issib htija wkoll fl-imputat ghal dawk l-imputazzjonijiet. Id-dokumenti esebiti mir-rappresentant ta' Transport Malta juru li l-licenzja tal-vettura misjuqa mill-imputat kienet fil-fatt skadiet u ma ggedditx fil-perjodu msemmi, u kien imiss lill-imputat li juri li l-istess vettura kienet koperta b'polza tal-assikurazzjoni valida ghall-istess perjodu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 261(a) u (c), 262, 267, 274, 275, 276, 276A, 277, 279, 280, 533, 578 u 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-Artikoli 3(1), (1A), (2), (2A) u (2B) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-Artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-ilputat hati tal-ewwel imputazzjoni, u ghaldaqstant tilliberah minnha;

Issibu hati tal-akkuzi l-ohra kollha kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk tikkundannah ghall-piena ta' erba' (4) snin prigunerija.

Tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal sena.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**